

31995D0329

L 191/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.8.1995

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Lulju 1995

li tidefinixxi l-kategoriji ta' equidae maskili li għaliha japplika r-rekwiżit dwar l-arterite virali stabbilit fl-Artikolu 15(b) (ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(95/329/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

B'referenza għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

B'referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li tirregola t-trasport u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' equidae<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvetja, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(b) (ii) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku Veterinarju,

Billi ċerti kategoriji ta' equidae maskili m'humiex fil-periklu li jxerdu l-arterite virali ta' l-ekwini; billi r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 15(b) (ii) għalhekk għandu japplika biss għal kategoriji oħra ta' equidae maskili;

Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Ir-rekwiżit relatat ma' l-arterite virali ta' l-ekwini stabbilit fl-Artikolu 15(b) (ii) tad-Direttiva 90/426/KEE japplika għall-equidae annimali rġiel bl-eċċezzjoni ta':

- equidae mlaqqma kontra l-arterite virali ta' l-ekwini taħt sorveljanza uffiċjali b'tilqima approvata mill-awtorità kompetenti li jkollhom reazzjoni ta' riżultat negattiv minn 1 sa 4 għal test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għal dik il-marda. L-equidae jġu mlaqqma fid-data li fiha jittieħed il-kampjun tad-demmi jew fil-15-il jum ta' wara f'każ li jkunu nżammu iżolati wqat dak il-perjodu. It-test irid jitwettaq u jġi ċertifikat, u r-riżultat u t-tilqima għandhom jġu ċertifikati jsiru taħt is-sorveljanza ta' veterinarju uffiċjali. It-tilqim għandu jġi ripetut f'intervalli regolari. Fil-każ ta' equidae reġistrati, it-tilqim u r-riżultati tat-testijiet seroloġiċi jridu jinkitbu fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport),

- equidae mlaqqma kontra l-arterite virali ta' l-ekwini taħt is-sorveljanza uffiċjali b' tilqimsa approvata mill-awtorità kompetenti u li jkunu sarulhom żewġ testijiet ta' newtralizzazzjoni tas-serum għal dik il-marda b' intervall ta' mill-inqas 10 ijiem bejn l-eta' ta' 180 u 270 ġurnata mingħajr ma tkun instab żieda fl-antikorpi. L-equidae jridu jkunu iżolati taħt sorveljanza uffiċjali miż-żmien min meta jittieħed l-ewwel kampjun tad-demmi sat-tilqima. It-testijiet iridu jitwettaq u jġu ċertifikati, u r-riżultati u t-tilqim jridu jġu ċertifikati taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali. It-tilqim irid jġi ripetut f'intervalli regolari. Fil-każ ta' equidae reġistrati, it-tilqim u r-riżultati ta' testijiet seroloġiċi jridu jinkitbu fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport),

- equidae ta' eta' ta' inqas minn 180 ġurnata,

- equidae għall-qatla mibgħuta direttament lill-biċċerija, flimkien ma' ċertifikat kf stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE tal-5 ta' Frar 1993 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' equidae għall- qatla<sup>(2)</sup>.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Ottubru 1995.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Lulju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42

<sup>(2)</sup> ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 7.